L-intimat u l-kjamati in kawża jirrespinġu dawn il-pretensonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li fil-fehma tagħhom il-fatt li ġudikant jiddeċiedi dwar talba għar-rikuża tiegħu ma tnaqqasx mill-indipendenza jew l-imparzjalita' tiegħu. Huma jargumentaw ukoll li fid-deliberazzjoni ta' eċċezzjoni ta' rikuża l-Imħallef ma jkunx qed jiddeċiedi dwar il-vertenza nfisha. Di piu' d-digriet impunjat tal-31 t'Ottubru 2016 huwa ġust u jimmerita konferma in kwantu l-mertu u l-partijiet fil-kawżi Rik 1058/10 u Rik 1211/11 huwa differenti. L-intimat Avukat Generali jirribatti wkoll l-inaplikabilta' ta' l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni in kwantu għar-rimedji u kostituzzjonali eżistenti fis-sistema leġali nostrana

Mill-provi mressqa jirriżulta li –

A. **Fis-7 ta' Diċembru 2011 ir-rikorrenti odjerni ntavolaw il-proċeduri Rik 1211/11 fl-ismijiet *Nazzareno Muscat et vs Mariano Farrugia et*** permezz ta' liema ppremettew illi -

1. Huma sidien flimkien ta` żewġ porzjonijiet indivizi ekwivalenti għal tnejn minn tmienja (2/8) tal-fond numru 3 gia` numru 7 fi Quarry Junction, Żurrieq u dan wara li :

i) permezz ta` testment datat 9 ta` Diċembru 1992, magħmul min-Nutar Remigio Zammit Pace, (Dok A), Manwel Muscat innomina bħala eredi universali tiegħu lill-atturi fil-proprjeta` kollha tiegħu, inkluż porzjon indiviż ta` wieħed minn tmienja (1/8) tal-fond numru 3 fi Quarry Junction, Żurrieq li dan it-testatur kien wiret mingħand il-ġenituri tiegħu Giovanni u Angela Muscat (li jiġu n-nanniet tal-attur Nazzareno Muscat) skont testment datat 17 ta` Jannar 1957 redatt min-Nutar Nicola Said (Dok B), stante li fost l-assi ereditarji tagħhom kien hemm il-fond numru 3 fi Quarry Junction, Żurrieq li kien il-post tal-abitazzjoni tagħhom, kif jirriżulta mill-kopja tar-reġistru elettorali tal-1957 (Dok C) ;

ii) permezz ta` testment ieħor datat 9 ta` Diċembru 1992, magħmul min-Nutar Remigio Zammit Pace (Dok D), Vittorio Muscat innomina bħala eredi universali tiegħu lill-atturi fil-proprjeta` kollha tiegħu, inkluż porzjon indiviż ta` wieħed minn tmienja (1/8) tal-fond numru 3, fi Quarry Junction, Zurrieq li dan it-testatur kien wiret mingħand il-ġenituri tiegħu Giovanni u Angela Muscat (li jiġu n-nanniet tal-attur Nazzareno Muscat) skont testment datat 17 ta` Jannar 1957 redatt min-Nutar Nicola Said (Dok B), stante li fost l-assi ereditarji tagħhom kien hemm il-fond numru 3 fi Quarry Junction, Żurrieq li kien il-post tal-abitazzjoni tagħhom kif jirriżulta mill-kopja tar-reġistru elettorali tal-1957 (Dok C) ; u

iii) illi l-atturi wirtu wkoll bejniethom żewġ ishma ta` wieħed minn sitta u ħamsin (1/56) parti li z-zijiet tal-attur Manwel u Vittorio kienu wirtu mingħand oħthom Giuseppa xebba Muscat, peress li sehemha ta` wieħed minn tmien (1/8) porzjon li wirtet hi, inqasam indaqs fuq hutha wara li mietet intestata.

2. L-attur Nazzareno Muscat waħdu, huwa wkoll sid ta` żewġ porzjonijiet indiviżi tal-fond numru 3 gia` numru 7 fi Quarry Junction, Zurrieq u dan peress illi:

i) huwa wiret porzjon wieħed minn tmienja u tmenin (1/88) mingħand missieru Francesco Muscat, wara li d-defunt Francesco Muscat kien wiret is-sehem ta` wieħed minn tmienja fuq l-istess fond mingħand il-ġenituri tiegħu Giovanni u Angela Muscat skont testment datat 17 ta` Jannar 1957 redatt min-Nutar Nicola Said (Dok B), liema sehem imbagħad inqasam bejn l-attur u l-għaxar ħutu l-oħra wara li Francesco Muscat miet u ħalla ġidu kollu f`porzjonijiet indaqs lil uliedu kollha li huma ħdax, inkluż ukoll lattur Nazzareno Muscat.

ii) huwa wiret ukoll sehem ieħor, wkoll mingħand missieru Francesco Muscat, wara li sehem ta` wieħed minn tmienja spettanti lil oħt Francesco Muscat, u cioe` Giuseppa Muscat, xebba, mietet intestata u b`hekk sehemha ddevolva favur id-defunt missieru u s-sitt ħutu l-oħra (cioe` z-zijiet tal-attur), liema sehem imbagħad inqasam bejn l-attur u l-għaxar ħutu l-oħra kif spjegat fil-paragrafu preċedenti.

L-atturi allegaw  li minkejja li fil-fehma tagħhom kienu għaldaqstant sidien ta` varji porzjonijiet indiviżi tal-fond numru 3 gia` numru 7 fi Quarry Junction, Zurrieq, il-konvenuti qed jitolbu l-iżgumbrament tal-istess atturi minn dan l-istess fond abbażi tal-allegazzjoni li l-fond qed ikun okkupat mill-atturi bla ebda titolu validu fil-liġi, mentri huwa ċar li l-atturi għandhom titolu ta` koproprjeta` fuq dan il-fond.

3. L-atturi talbu lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-atturi għandhom titolu ta` koproprjeta` tal-fond numru 3 gia` numru 7 fi Quarry Junction, Zurrieq u għalhekk tiddikjara li l-konvenuti m`għandhom l-ebda dritt jitolbu l-iżgumbrament tal-atturi mill-fond imsemmi.

B. Sussegwentement, **fid-19 t'Ottubru 2010 ġew intavolati proċeduri kontra r-rikorrenti odjerni Rik 1058/10 fl-ismijiet Costantino Muscat pro et noe et vs Nazzareno Muscat et** permezz ta' liema ġie premess illi –

1. L-intimati huma l-uniċi werrieta ta` Emanuel u Victor aħwa Muscat li mietu fit-22 ta` Diċembru 1992 u 28 ta` Ottubru 1994 rispettivament, ulied ta` John u Angela miżżewġin Muscat;

2. Il-wirt ta` Emanuel Muscat huwa regolat minn testment datat 9 ta` Diċembru 1992 u ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Remigio Żammit Pace filwaqt li l-wirt ta` Victor Muscat huwa regolat minn testment datat 9 ta` Diċembru 1992 u ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Remigio Zammit Pace;

3. L-intimat Nazzareno Muscat huwa wkoll wieħed mill-werrieta ta` missieru Francis Muscat li miet fis-27 ta` April 1991, iben ta` John u Angela miżżewgin Muscat;

4. Angela Muscat mietet fis-17 ta` Marzu 1974 filwaqt li żewġha John Muscat miet fil-11 ta` Awwissu 1961 u kellhom tmint itfal, fosthom Emanuel, Victor u Francis aħwa Muscat;

5. Il-kontendenti għandhom kollha sehem mill-wirt ta` John u Angela miżżewġin Muscat li l-wirt tagħhom huwa regolat minn testment datat 17 ta` Jannar 1957 u ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Nicola Said;

6. John u Angela miżżewġin Muscat kienu wkoll in forza ta` l-imsemmmi testment ħallew prelegat favur uliedhom Emanuel, Victor u Giuseppa aħwa

Muscat ir-razzett b`gardina miegħu li jinsab fil-limiti taż-Żurrieq fit-triq tal-Maċina kontrada tan-Niġret hekk ukoll imsejjaħ ta` Zitellu;

7. Premess illi l-wirt ta` John u Angela miżżewġin Muscat qatt ma nqasam u r-rikorrenti jridu li ssir il-qasma ta` dak kollu li hemm in komun inkluż ir-razzett u ġardina li kienet tħalliet bi prelegat lil Emanuel, Victor u Giuseppa aħwa Muscat;

8. Premess illi l-intimati debitament interpellati sabiex jersqu għall-qasma naqsu u għalhekk kellhom isiru dawn il-proċeduri.

9. L-atturi f'dik il-kawża talbu lill-Qorti sabiex :-

- Tillikwida l-assi konjugali ta` John u Angela miżżewgin Muscat.
- Tordna d-diviżjoni tal-assi f`żewġ porzjonijiet ugwali u tassenja waħda lill-assi partikolari ta` John Muscat u l-oħra lill-assi partikolari ta` Angela Muscat.
- Tillikwida l-assi partikolari ta` John Muscat u tiddikjaraha li tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilu assenjata u f`dawk ilbeni li jirriżultaw waqt il-kawża.
- Tillikwida l-assi partikolari ta` Angela Muscat u tiddikjaraha tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni tal-akkwisti lilha assenjata u f`dawk ilbeni li jirriżultaw waqt il-kawża.
- Tiddividi l-ġid bejn il-kontendenti skond il-kwota li kull wieħed mill-partijiet jiġi ddikjarat li għandu dritt għaliha.

- Tiddividi r-razzett b`ġardina miegħu li jinsab fil-limiti taż-Żurrieq fit-triq tal-Macina kontrada Tan-Nigret hekk ukoll imsejjaħ ta` Zitellu, bejn l-intimati bħala werrieta ta` Emanuel u Victor aħwa Muscat, u rrikorrenti bħala l-werrieta ta` Giuseppa Muscat u l-werrieta wkoll ta` Francis Muscat, minn liema wirt l-intimat għandu sehem ukoll.

- Tinnomina, jekk ikun hemm bzonn, perit tekniku għal finijiet ta` likwidazzjoni u tħejjija ta` pjan ta` diviżjoni.

- Tinnomina nutar sabiex jirċievi u jippubblika l-att opportun u kuratur għall-eventwali kontumaċi.

- Tordna l-bejgħ b`liċitazzjoni ta` dak kollu li m`huwiex kommodament diviżibbli, bl-ammissjoni ta` oblaturi estraneji.

Ċ. Kemm il-proċeduri Rik 1211/11 kif ukoll il-proċeduri Rik 1058/10 ġew assenjati lill-Imħallef Joseph Zammit McKeon.

D. Il-proċeduri Rik 1211/11 ġew deċiżi fl-14 ta' Lulju 2016[6] u l-Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi. Ir-rikorrenti odjerni appellaw mis-sentenza[7] liema appell għadu mhux appuntat għas-smiegħ.

---

[6] Fol 14 et seq
[7] Fol 154 et seq

E. In segwitu għal dik is-sentenza, r-rikorrenti odjerni ntavolaw rikors fl-atti tal-proċeduri Rik 1058/10[8] fejn talbu r-rikuża tal-Imħallef sedenti. Dan wara li ppremettew li l-mertu kollu tal-kawża deċiża Rik 1211/11 kien sabiex huma, r-rikorrenti odjerni, jiġu dikjarati koproprjetarji ta' mmobbli derivanti mill-wirt tal-antenati ta' Nazzareno Muscat. Dik it-talba kienet opposta mill-konvenuti f'dawk il-proċeduri, liema persuni huma atturi fil-kawża Rik 1058/10. Fir-rikors in kwistjoni r-rikorrenti odjerni komplew jargumentaw li bis-sentenza tal-14 ta' Lulju 2016, it-talbiet tagħhom ġew miċħuda u kwindi sar pronunzjament dwar id-drittijiet proprjetarji tal-partijiet fir-rigward ta' mmobbli formanti parti mill-eredita' li kienet qegħda tiġi diviża permezz tal-proċeduri Rik 1058/10.

F. **Fid-digriet tal-31 t'Ottubru 2016 fil-kawża Rik Nru 1058/2010 fl-ismijiet *Costantino Muscat et kontra Nazzareno Muscat et*** l-Imħallef sedenti għamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet –

*"VI. Dritt*

*Il-konvenuti qegħdin jitolbu r-rikuża tal-Imħallef sedenti abbażi tal-Art 734(1)(d) tal-Kap 12. Id-disposiżżjoni hija komposta minn żewġ sub-paragrafi u proviso. Is-sub-paragrafu (i) igħid :-*

*Jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa li għandha x`taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha.*

*Huwa evidenti li s-sub-paragrafu (i) mhux applikabbli għall-każ tallum – kif irrimarka d-difensur tal-konvenuti waqt it-trattazzjoni tar-rikors.*

[8] Fol 54 et seq

*Is-sub-paragrafu (ii) igħid :-*

*jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew arbitru :*

*Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles ab observantia.*

*Il-konvenuti qegħdin isostnu t-talba tagħhom abbażi tas-sub-paragrafu (ii).*

*VII. Ġurisprudenza*

*Dwar l-Art 734(1)(d)(ii) tal-Kap 12, kien rilevat fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-6 ta` Novembru 1967 fil-kawża "Carmelo Gauci vs Giorgio Gatt et" illi :-*

*"Ġie dejjem ritenut illi l-każijiet li fihom Imħallef jista` jastjeni jew jiġi rikużat huma dawk biss tassattivament imsemmija fl-imsemmi artikolu. Ġie wkoll dejjem ritenut illi l-kliem "il-kawża" fid-disposizzjoni hawn fuq ċitata jirriferixxu għall-istess kawża li fiha tkun ingħatat id-deċiżjoni preċedenti …*

*Imħallef jista` jiġi rikużat f`kawża meta din tkun ġa ġiet quddiemu bħala Imħallef. Iżda d-deċiżjoni tiegħu f`dik il-kawża trid tkun tinvolvi l-istess meritu f`liema huwa ġa ppresjeda. Jekk il-mertu jkun differenti l-espressjoni da parti tal-imħallef ta` opinjoni dwar il-provi miġbura mill-parti fil-kawża preċedenti ma tassoġġettahx għall-possibilita` ta` rikuża."*

*Fis-sentenza li tat fil-15 ta` Marzu 1996 fil-kawża "Dr Alfred Mifsud vs Onor Prim` Ministru et" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar listess disposizzjoni:-*

*Kif osservat mill-Imħallef Xuereb fis-sentenza 'Caruana vs De Piro' (15 ta` Mejju 1889 a Vol XII p.241) l-użu fil-liġi tal-kelma 'kawża' preċeduta mill-artikolu determinattiv ('il-kawża') juri li l-liġi kkontemplat kawża determinata li ma tistax tkun ħlief il-kawża pendenti, molto piu` in vista tal-kliem spjegattivi aġġunti mil-liġi riferibbilment għal-limitazzjoni tal-każijiet ta` rikuża għall-Imħallef li jkun 'qata' definittivament l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet … (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti).*

*Fil-provvediment li tat fis-17 ta` Novembru 2014 fil-kawża "L-Imħallef Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco vs L-Onorevoli Prim Ministru et" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-*

*9. Illi tabilħaqq ir-raġunijiet li għalihom ġudikant jista` jiġi rikużat milli jkompli jisma` kawża huma biss dawk li l-liġi nnfisha ssemmi u, f`każijiet eċċezzjonali, raġunijiet oħrajn serji li jwasslu bħala xierqa u f`posthom ("conveniente") tali astensjoni jew rikuża. L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja …*

*10. Illi minbarra dan, l-istitut tar-rikuża jew l-astensjoni tal-ġudikant jinbena fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu titressaq kawża la huwa parzjali u lanqas korrott u li fuq kollox huwa –dmir tiegħu u mhux sempliċi privileġġ jew favur li huwa jisma` u jaqta` kull kawża li titressaq quddiemu. U l-fatt waħdu li l-liġi nnfisha tagħti lil dak il-ġudikant is-setgħa li jqis jekk għandux jilqa` jew le talba biex jastjeni mis-smigħ ta` kawża ma ġġibx lil dak il-ġudikant daqslikieku sar waħda mill-partijiet fil-kawża ;*

*11. Illi d-disposizzjoni tal-Art 734(1)(d) tal-Kap 12 tgħodd għall-każ fejn l-istess kawża terġa` titqiegħed quddiem il-ġudikant rikużat wara li kien ta sentenza fl-istess kawża, imma ma tgħoddx fejn dik is-sentenza tkun qatgħet impar parti mill-mertu u tkun għadha quddiemu biex jiddeċiedi talbiet oħrajn fil-mertu tal-istess kawża ;*

*12. Illi dik id-disposizzjoni ma tgħoddx fejn id-deċiżjoni mogħtija ma tkunx qatgħet definittivament il-mertu tal-kawża u lanqas fejn il-kitba dwar il-kawża ma tkunx messet il-qalba fil-mertu tal-kwestjoni nvoluta ;*

*13. Illi l-enunċjazzjoni ta` prinċipji legali minn Qorti f`sentenza tagħha bla ma tkun għaddiet biex tapplika dawk il-prinċipji fil-kawża li jkollha quddiemha ma titqiesx bħala raġuni tajba biżżejjed biex iġġib fis-seħħ it-tħaddim tal-Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kodiċi Proċedurali ;*

…

***17. Illi mill-banda l-oħra l-fatt li ġudikant titressaq quddiemu kwestjoni legali f`kawża li dwarha jkun diġa` ta deċiżjoni tiegħu f`kawża oħra ma jġibx b`daqshekk raġuni tajba biex dak il-ġudikant jastjeni jew ikun rikużat milli jkompli jisma` l-kawża ta` wara. Fl-ewwel lok, kull deċiżjoni tiddependi mhux biss mill-prinċipji legali imma wkoll mill-fatti u ċ-ċirkostanzi partikolari li jsawru l-każ ; fit-tieni lok, il-fehma li ġudikant ikun wera f`deciżjoni tiegħu ta` qabel tista` tieħu xejra oħra fid-dawl ta` argumenti ġodda li jistgħu jitressqu quddiemha jew fid-dawl ta` żviluppi ġurisprudenzjali jew dottrinali li jkunu seħħew minn dakinhar li kienet ingħatat id-deċiżjoni ta` qabel (enfasi ta` din il-qorti).***

*VIII. Konsiderazzjonijiet ta` din il-Qorti*

*Dak illi wassal lill-konvenuti sabiex jippreżentaw ir-rikors tagħhom hija s-sentenza li tat din il-Qorti kif presjeduta fl-14 ta` Lulju 2016 fil-kawża fl-ismijiet Nazzareno Muscat et vs Mariano Farrugia et (Rik. Gur. Nru. 1211/2011). Minn din is-sentenza sar appell, liema appell qiegħed jistenna d-data tal-ewwel appuntament tas-smigħ.*

*Wara li qieset b`reqqa l-argumenti tal-konvenuti, din il-Qorti tagħmel dawn il-konsiderazzjonijiet :-*

*1) Għalkemm xi wħud mill-partijiet fil-kawża bin-nru. 1211/2011 huma wkoll partijiet fil-kawża tal-lum, il-mertu tal-kawża bin-nru. 1211/2011 huwa divers minn dak tal-kawża tal-lum kif jirriżulta anke iċtu oċuli mill-premessi u mit-talbiet taż-żewġ kawżi.*

*2) Fid-deċizjoni li ngħatat fil-kawża bin-nru 1211/2011 ma hemmx riferenza għall-kawża tal-lum.*

*3) Is-sitwazzjoni prospettata mill-konvenuti, u mfissra mid-difensur tagħhom waqt it-trattazzjoni tar-rikors, mhijiex tassattivament inkluża fid-disposizzjoni ċitata mill-konvenuti in sostenn tal-pretensjoni tagħhom.*

*4) Id-deċizjoni fil-kawża bin-nru 1211/2011 bl-ebda mod ma tinċidi fuq il-mertu tal-kawża tal-lum.*

*5) Ladarba l-mertu tal-kawża bin-nru 1211/2011 huwa divers minn dik tal-lum, l-apprezzament tal-provi li sar f`dik il-kawża ma jistax jinċidi fuq il-kawża tal-lum.*

*6) Għall-fini tar-rikors tagħhom, il-konvenuti mhux jilmentaw dwar xi deċizjoni li diġa` tat din il-Qorti fil-kawża tal-lum, iżda qegħdin jilmentaw dwar deċizjoni oħra li ngħatat f`kawża oħra. Dak mhux biżżejjed biex isostni talba għar-rikuża.*

*7) L-Imħallef sedenti għadu ma tax deciżjoni finali dwar il-mertu tal-kawża tal-lum.*

*8) Tal-lum mhuwiex każ fejn l-istess kawza tpoġġiet mill-ġdid quddiem l-istess Imħallef sedenti wara li ngħatat sentenza fl-istess kawża u dwar l-istess mertu.*

*Provvediment*

*Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qegħda tiċħad it-talba tal-konvenuti kif dedotta fir-rikors tagħhom tat-13 ta` Settembru 2016.*

*L-ispejjeż relatati ma` dan il-provvediment għandhom jitħallsu mill-konvenuti.*

*Tordna li l-kawza tibqa` tinstema` minn din il-Qorti hekk kif presjeduta."*

Ġ. Wara l-għoti tad-digriet surreferit, ir-rikorrenti ntavolaw il-proċeduri odjerni filwaqt li l-proċeduri Rik 1058/10 ġew differiti *sine die* u riappuntabbli wara li l-kawża odjerna tgħaddi in ġudikat.

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel lok il-Qorti jidhrilha opportun li tindirizza **mit-tieni sas-seba' eċċezzjoni tal-intimat Avukat Ġenerali**.

Fil-fehma tal-Qorti dawn l-eċċezzjonijiet mhumhiex ġustifikati.

Il-bażi tal-azzjoni odjerna tiskatta minn allegata nuqqas ta' ndipendenza u mparzjalita' tal-Qorti fil-kawża Rik 1058/10, liema kunċett jifforma parti ntegrali mill-prinċipju ta' smiegħ xieraq, dritt li huwa garantit lill-partijiet permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Għalhekk il-lanjanza tar-rikorrenti taqa' fil-parametri tat-tħaddim ta' dawn iż-żewġ artikoli msemmija.

Huwa kristalizzat fil-ġurisprudenza li hemm lok ta' stħarriġ ta' lment kostituzzjonali anke meta l-proċeduri ordinarji jkunu għadhom mhux konklużi u dan f'ċirkustanzi fejn titqies reali u imminenti l-lamentela li drittijiet fundamentali ikunu nkisru jew x'aktarx ser jinkisru.

Fil-każ kostituzzjonali **Av.Larry Formosa noe vs Avukat Ġenerali deċiż fit-30 t'April 2019** saret rassenja estensiva ta' ġurisprudenza in materja li dwarha l-konklużjoni tal-Qorti kienet hekk -

*"Dan premess, il-prinċipju li jemerġi minn din il-ġurisprudenza huwa li meta l-proċeduri jkunu għadhom ma ntemmewx u ma jkunx għadu magħruf kif ir-rikorrent ser jiġi allegatament żvantaġġjat, il-proċeduri kostituzzjonali jkunu intempestivi. Ilment waqt li l-proċeduri jkunu għadhom pendenti jkun jista`*

*jitqies, meta d-dritt lamentat jkun x`aktarx ser jiġi miksur iżda l-ksur ravviżat irid ikun wieħed reali u imminenti."*

Fil-ktieb tagħha **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights**[9], l-awtriċi Karen Reid ikkumentat li –

*'While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall'.*

Fil-kuntest tal-mertu tal-proċeduri odjerni l-Qorti hija tal-fehma li talba għall-iskrutinju dwar l-indipendenza u l-imparzjalita' ta' ġudikant tassumi mportanza tali li timmerita li tiġi ndirizzata anke jekk il-kawża tkun għadha pendenti u dan sabiex jiġi assikurat li d-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq fil-bqija tal-proċess ġudizzjarju ma jiġix preġudikat. Tqies fil-fatt li dan l-ilment jolqot il-fundament ta' l-andament ta' kawza rrelevanti mill-istadju li tkun wasslet fiha.

**Għalhekk dawn l-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat Ġenerali sejrin jiġu miċħuda.**

Imiss għalhekk jiġi trattat il-mertu tal-kawża.

**L-ewwel talba tar-rikorrenti** hija sabiex l-artikolu 738 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi dikjarat li vvjola d-drittijiet fundamentali tagħhom kif protetti bl-

[9] It-tielet Edizzjoni paġna 70

artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u anke d-dritt fundamentali tagħhom għal rimedju effettiv kif protett bl-artikolu 13 tal-Konvenjoni. Dan kollu b'referenza għall-kawża Rik Nru 1058/10.

**It-tieni talba tar-rikorrenti** hija sabiex proprju d-digriet innifsu taċ-ċaħda tar-rikuża tal-Imħallef Zammit McKeon jiġi dikjarat leżiv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti a bażi tal-artikoli appena ċitati.

**L-artikolu 738 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk -

*"Meta l-qorti hija kkostitwita minn imħallef wieħed u kontra dan l-imħallef tiġi mogħtija l-eċċezzjoni ta' rikuża, għandu jiddeċidi huwa nnifsu fuq ir-raġunijiet tal-eċċezzjoni, u kontra din id-deċiżjoni ma jingħatax appell, u, jew jastjeni ruħu u jiddigrieta li hemm lok għas-surroga ta' mħallef ieħor, inkella jissokta jisma' l-kawża, skont kif ikun iddeċida."*

**L-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li –

*"Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

**L-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni** jipprovdi li -

*"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien*

*raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

Hija opportuna analiżi tal-ġurisprudenza in materja.

Fil-każ **Carmen Grixti vs Ivan Grixti deċiż fis-6 ta' Frar 2020 u konfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020** il-Qorti qalet hekk -

*"Illi fil-kliem l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick** fil-ktieb **Law of the European Convention on Human Rights**, "Impartiality" means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a subjective and an objective test: The existence of impartiality for the purpose of Article 6 (1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect".*

*Fil-pubblikazzjoni **Human Rights in the Administration of Justice: A Manual on Human Rights for Judges, Prosecutors and Lawyers** (pubblikazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti) insibu illi 'As to the requirement of impartiality in article 6 (1) of the European Convention on Human Rights, the European Court of Human Rights has consistently ruled that it has two requirements, namely, one subjective and one objective requirement. In the first place, "the tribunal must be subjectively impartial", in that "no member of the tribunal should hold any personal prejudice or bias", and this personal "impartiality is presumed unless there is evidence to the contrary". Secondly, "the tribunal must also be impartial*

*from an objective viewpoint", in that "it must offer guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect".*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Nadine Bonnici vs. Avukat Generali et*** *(Rik Kost 67/2012AE) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fl-4 ta' Marzu 2013 (mhux appellata) ġie osservat illi -*

*L-imparzjalita' ta' qorti skond l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, normalment tfisser nuqqas ta' pregudizzju jew bias; "There are two tests for assessing whether a tribunal is impartial: the first consists in seeking to determine a particular judge's personal conviction or interest in a given case and the second is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect...... As to the second test, when applied to a body sitting as a bench, it means determining whether, quite apart from the personal conduct of any of the members of that body, there are ascertainable facts which may raise doubts as to its impartiality. In this respect even appearances may be of some importance. It follows that when it is being decided whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular body lacks impartiality, the standpoint of those claiming that it is not impartial is important but not decisive. What is decisive is whether the fear can be held to be objectively justified." (****Lindon Otchakovskylaurens and July v France*** *deciza fit-22 ta' Ottubru 2007 mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Umani).*

*Għal dak li jikkonċerna t-test soġġettiv, f'dan il-każ ma saret l-ebda allegazzjoni li fil-kawza 961/2011 "...... the personal conviction of a judge ..... raises doubts about his or her independence or impartiality. The judge's lack of bias is presumed unless there is evidence to the contrary.........".*

*L-istitut tar-rikuża jew l-astensjoni tal-ġudikant jinbena fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu titressaq kawża huwa imparzjali u li huwa d-dmir tiegħu u*

*mhux sempliċi privileġġ jew favur li huwa jisma' u jaqta' kull kawża li titressaq quddiemu.*

*F'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li "il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif mifhum mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli.*

*L-aġġudikant bil-ġurament tal-ħatra tiegħu jiggarantixxi l-imparzjalità u l-indipendenza li jsawru id-dritt għas-smigħ xieraq u għalhekk jeżistu dawk is-salvagwardji meħtieġa fil-mod kif ikun appuntat l-aġġudikant u fil-mod ta' kif għandu jmexxi l-proċeduri."*

Fil-każ **Crystal Finance Investements Ltd vs Avukat Ġenerali et deċiż fil-31 t'Ottubru 2019** il-Qorti għamlet rassenja tal-ġurisprudenza in materja -

*"Fil-kaz* ***RAMOS NUNES DE CARVALHO E SÁ vs PORTUGAL*** *deċiża mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta' Novembru 2018, il-Qorti kellha dan xi tgħid dwar ilmenti simili għal dawk tas-socjeta' rikorrenti:*

*145. The Court reiterates that impartiality normally denotes the absence of prejudice or bias and its existence or otherwise can be tested in various ways. According to the Court's settled case-law, the existence of impartiality for the purposes of Article 6 § 1 must be determined according to a subjective test where regard must be had to the personal conviction and behaviour of a particular judge, that is, whether the judge held any personal prejudice or bias in a given case; and also according to an objective test, that is to say by ascertaining whether the tribunal itself and, among other aspects, its composition, offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in respect of its impartiality (see, for example, Kyprianou v. Cyprus [GC], no. 73797/01, § 118, ECHR 2005-XIII, and Micallef v. Malta [GC], no. 17056/06, § 93, ECHR 2009).*

*146. In the vast majority of cases raising impartiality issues, the Court has focused on the objective test (see Micallef, cited above, § 95, and Morice v. France [GC], no. 29369/10, § 75, 23 April 2015). However, there is no watertight division between subjective and objective impartiality since the conduct of a judge may not only prompt objectively held misgivings as to impartiality from the point of view of the external observer (objective test) but may also go to the issue of his or her personal conviction (subjective test) (see Kyprianou, cited above, § 119). Thus, in some cases where it may be difficult to procure evidence with which to rebut the presumption of the judge's subjective impartiality, the requirement of objective impartiality provides a 22 further important guarantee (see Pullar v. the United Kingdom, 10 June 1996, § 32, Reports 1996-III).*

*147. As to the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his or her impartiality. This implies that, in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge or a body sitting as a bench lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not*

*decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see Micallef, cited above, § 96, and Morice, cited above, § 76).*

*148. The objective test mostly concerns hierarchical or other links between the judge and other protagonists in the proceedings (see Micallef, cited above, § 97). It must therefore be decided in each individual case whether the relationship in question is of such a nature and degree as to indicate a lack of impartiality on the part of the tribunal (see Pullar, cited above, § 38).*

*149. In this connection even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see De Cubber v. Belgium, 26 October 1984, § 26, Series A no. 86). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see Castillo Algar v. Spain, 28 October 1998, § 45, Reports 1998-VIII, and Micallef, cited above, § 98).*

*150. The concepts of independence and objective impartiality are closely linked and, depending on the circumstances, may require joint examination (see Sacilor-Lormines v. France, no. 65411/01, § 62, ECHR 2006-XIII)."*

Fl-isfond tal-ġurisprudenza suċċitata l-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet għall-fini tal-każ odjern -

1. Bħala fatt, kull ġudikant minn żmien għal żmien jiġu assenjati lilu kawżi b'mertu simili, kawżi bi prinċipji legali simili u kawżi bejn l-istess partijiet. Fil-fatt l-istess liġi, għall ekonmija tal-ġudizzju trid li kawzi b'mertu simili jinstemgħu mill-istess ġudikant, ergo l-konessjoni tal-kawżi[10].

[10] Artikolu 793 tal-Kap 16

2. Huwa l-obbligu tal-ġudikant - kif dettat mill-liġi fl-artikoli 733 et seq tal-Kap 12 - li jippresjedi fil-kawżi assenjati lilu ħlief f'dawk iċ-ċirkustanzi limitati u stabbiliti mill-istess liġi fejn huwa jista' jastjeni jew jiġi rikużat mill-każ. B'hekk mhux kull preokkupazzjoni jew dubju ta' xi parti dwar l-imparzjalita' o meno ta' ġudikant hija ġustifikata peress li din jeħtieġ li tkun oġġettivament ġustifikata.

3. Ħarsa lejn il-proċeduri Rik 1058/10 u Rik 1058/10 turi li uħud biss mill-kontendenti huma komuni fiż-żewġ kawżi. Filwaqt li r-rikorrenti odjerni huma atturi fil-kawża Rik 1211/11, huma jinsabu mħarrka bħala konvenuti fil-kawża Rik 1058/10. Il-kawża Rik 1211/11 ġiet intavolata mill-konjuġi Muscat kontra Mariano, Publius u Joseph Farrugia; filwaqt li l-kawża Rik 1058/10 ġiet intavolata mill-persuni kollha li ġew kjamati in kawża fil-proċeduri odjerni. B'hekk il-maġġor parti tal-partijiet involuti mhumhiex komuni għaż-żewġ kawżi. Imbagħad għal dak li jirrigwarda l-mertu, dan ċertament mhuwhiex l-istess. Il-kawża Rik 1211/11 titlob dikjarazzjoni li l-atturi għandhom titolu ta' komproprjeta' ta' fond fiż-Żurrieq. Minn naħa l-oħra l-kawża Rik 1058/10 titratta talba għad-diviżjoni ta' wirt ta' żewġ persuni. B'hekk l-eżitu ta' kawża waħda ma jimpinġix fuq l-oħra u tant hu hekk li ż-żewġ kawżi ma kinux mexjin flimkien fis-smiegħ. Il-kawża Rik 1211/11 hija deċiża mill-prim istanza u tinsab fl-istadju tal-appell filwaqt li l-kawża Rik 1058/10 għadha pendenti quddiem l-ewwel qorti.

Huwa f'dan il-kwadru li l-Qorti sejra tevalwa l-prinċipji ta' drittijiet fundamentali applikabbli.

3. L-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick jikkummentaw hekk fil-ktieb tagħhom *Law of the European Convention on Human Rights*[11] -

[11] It-tieni Edizzjoni paġna 293

*"As to a judge sitting in two related cases, a judge may participate in related civil and/or criminal cases concerning the applicant without this in itself raising a legitimate doubt as to his impartiality."*

Fil-każ suċċitat **Crystal Finance Investements Ltd vs Avukat Ġenerali et** is-socjeta' rikorrenti kienet rinfaċċjata b'diversi kawżi kontra tagħha quddiem l-Arbitru tas-Servizzi Finanzjarji, li lkoll ġew deċiżi kontra tagħha, u li minnhom hija appellat quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). L-appelli kollha tas-soċjeta' rikorrenti ġew assenjati lill-Imħallef Anthony Ellul, illi sa dak iz-zmien kien l-unika ġudikant bid-dmir li jisma' l-appelli ġenerali. Wara li l-Imħallef imsemmi ddeċieda l-ewwel appell tas-soċjeta' rikorrenti, li ġie miċħud, l-istess soċjeta' ntavolat il-kawża kostituzzjonali surreferita. Fiha fost oħrajn ilmentat mill-fatt li, ladarba l-Imħallef Anthony Ellul diġa' kien iddeċieda appell fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti - anke jekk il-mertu ma kienx marbut mal-appelli rimanenti quddiem l-istess Imħallef – allura l-ġudikant in kwistjoni ma setax jibqa' meqjus bħala Qorti imparzjali fil-kuntest tad-dritt għal smiegħ xieraq.

Il-Qorti f'dik il-kawża rreaġixxiet bis-segwenti kunsiderazzjonijiet -

*"36. Ikkunsidrat dana t-tagħlim kollu kif fuq ippreżentat u l-prinċipji kollha kif fuq enunċjati, il-Qorti ma tistax ma tasalx għall-konklużjoni illi l-ilmenti kollha mqajjma mis-socjeta' rikorrenti huma kollha mhux mistħoqqha jew gustifikati.*

*37. Jingħad, l-ewwel u qabel kollox, illi fil-kawżi kollha illi qed jinstemgħu quddiem l-Imħallef Anthony Ellul fejn l-appellanti hija s-soċjeta' rikorrenti, il-fattispecje tal-kaz kif ukoll il-persuni li favur tagħhom ġie deċiż il-każ mill-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji huma totalment differenti, u l-unika ħaġa simili*

*illi jista' jkun hemm huma l-prinċipji legali illi ser jiġu dibattiti quddiem tali Ġudikant, ossija kwistjoni dwar ġurisdizzjoni tal-Arbitru u n-natura tas-servizz reż mis-soċjeta' rikorrenti lill-klijenti tagħha, sussegwentement, rikorrenti f'kawżi illi huma ntavolaw kontra s-soċjeta' rikorrenti odjerna quddiem l-Arbitru u li ġew lkoll deċiżi kontra l-istess soċjetà rikorrenti.*

*38. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi huma biss il-prinċipji legali li baqgħu l-istess, liema prinċipji huma naturalment soġġetti għall-prova tal-fatti f'kull każ, u li għalhekk jagħmel kull każ separat u distint minn xulxin. Tenut kont tal-fatt illi l-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem ma qisetx li neċessarjament seta' kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) meta każ jerġa' jintbagħat quddiem l-istess Ġudikant biex jiddeċidieh mill-ġdid wara d-deċiżjoni oriġinali tiegħu ġiet imħassra (Ringeisen), ċertament ma jista' qatt jinstab vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) jekk Ġudikant jisma każ dwar prinċipji legali ġia' minnu diskussi u deċiżi iżda in konnessjoni ma' fattispceje ta' kaz differenti u partijiet totalment differenti!"*

Jiġi puntwalizzat kif ingħad, li fil-każ odjern, uħud mill-partijiet huma l-istess imma l-maġġoranza huma differenti u kwindi l-prinċipji msemmija huma xorta applikabbli.

4. Fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti dwar l-artikolu 738 (1) tal-Kap 12 il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ **Sharon Rose Roche vs Avukat Ġenerali et deċiż fid-29 ta' Marzu 2019** qalet hekk –

*"9. Il-pern tal-kwistjoni li din il-qorti ġiet mitluba tiddetermina bl-appell tal-attriċi huwa dan: kien hemm jew ma kienx hemm ksur tad-dritt fondamentali għas-smigħ xieraq tagħha meta l-imħallfin fil-Qorti tal-Appell iddeċidew li*

*jiċħdu t-talba għar-rikuża tagħhom stess, u dan mingħajr dritt ta' appell minn dan id-digriet?*

*10. Wara li fliet l-atti tal-proċess, din il-qorti hija tal-fehma illi l-argument tal-attriċi appellanti huwa fattwalment u legalment insostenibbli. Fl-ewwel lok, din il-qorti ma taqbel xejn mal-argument tal-attriċi li "l-Artikolu 738 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa lesiv tal-dana a bażi tal-prinċipju fundamentali ta' "nemo judex in causa propria." Imħallef li jiddeċiedi dwar ir-rikuża tiegħu m'huwiex "parti fil-kawża" u lanqas ma jista' jitqies bħala "persuna li għandha interess fl-istess kawża." Wara li jkun hemm rikors għar-rikuża tiegħu, l-obbligu tiegħu huwa biss wieħed proċesswali - li jara li jastjeni jew ma jastjenix mill-kawża in kwistjoni wara li jara jekk jeżistux raġunijiet fil-liġi għal tali astensjoni. Il-fatt li jieħu sehem fid-deċiżjoni dwar eċċezzjoni ta' rikuża tiegħu, għalhekk, ma jnaqqasx mill-indipendenza jew l-imparzjalita' tiegħu. Bil-kuntrarju, ħadd aħjar mill-imħallfin in kwistjoni ma jista' jiddeċiedi jekk humiex milquta minn kunflitt ta' interess.*

*11. Dan il-prinċipju fil-fatt ġie ribadit fis-sentenza mogħtija minn din il-qorti (diversament presjeduta) fil-5 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet Onorevoli Imħallef Dottor Anton Depasquale LL.D. v. Avukat Ġenerali fejn qalet hekk:*

*»Hu dmir ta' ġudikant li jiddeċiedi kawża u mhux xi vantaġġ jew privileġġ; jekk ikun hemm vantaġġ jew privileġġ, dan hu li jirrendi l-ġudikant parti fil-kawża. La huwa mhux ser jirbaħ u mhux ser jitlef billi jkun jew ma jkunx jagħmel parti minn tribunal, m'għandu ebda interess personali jekk ikompliex jisma' l-kawża jew jastjeni ruħu.*

*»Għalhekk imħallef li ngħata l-poter in ġenerali mill-liġi li jiddeċiedi hu stess jekk għandux jkompli jisma' jew le kawża, mhix, per se, raġuni li tagħmlu parti fil-kawża. Hu m'għandu ebda interess personali li jisma' l-kawża imma l-interess tiegħu hu biss wieħed proċesswali li jara li ma jastjenix u ma jilqax eċċezzjoni*

*tar-rikuża "ove non concorra qualcuno dei motivi stabiliti dalla legge" Mortara. Altrimenti b'sempliċi eċċezzjoni ta' rikuża jintgħażlu minn parti jew mill-oħra l-imħallfin li għandhom jisimgħu kawża partikolari.*

*»Meta tingħata l-eċċezzjoni ta' rikuża, skond il-liġi tagħna, l-imħallef li jiddeċiedi dina l-eċċezzjoni ma jsirx parti, imma jibqa' l-*uniku arbitru *jekk għandiex tintlaqa' dina l-eċċezzjoni jew le. Il-liġi tagħna minn żmien antik ħasbet biex ħolqot garanziji biex jissalvagwardjaw l-imparzjalita' tal-ġudikanti u biex il-proċess ġudizzjarju jibqa' pur. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-fatt li mħallef jieħu sehem fid-deċiżjoni dwar eċċezzjoni ta' rikuża tiegħu ma jnaqqasx mill-indipendenza jew l-imparzjalita' tiegħu.«*

12. *Fit-tieni lok, din il-qorti hija tal-fehma illi l-attriċi ma rnexxilhiex tipprova li jeżistu dawk iċ-ċirkostanzi li oġġettivament jistgħu jiġġustifikaw l-allegat nuqqas ta' imparzjalita' fil-ġudikanti in kwistjoni. L-argument ewlieni li tressaq mill-attriċi biex tipprova tiġġustifika l-fatt li sofriet ksur tad-dritt fondamentali tagħha għal smigħ xieraq huwa li l-imħallfin in kwistjoni diġa' ddeċidew kwistjoni oħra kostituzzjonali bejn il-partijiet u għalhekk m'humiex ser ikunu indipendenti u / jew imparzjali fit-tieni sett ta' proċeduri minħabba f'hekk. Din il-qorti pero' ma taqbilx ma' dan l-argument ta' l-attriċi, prinċipalment minħabba l-fatt li l-kwistjoni li ser tiġi dibattuta flappell hija differenti mill-mertu tal-kawża l-oħra li kienu ddeċidew l-imħallfin in kwistjoni. Fl-appell in kwistjoni l-qorti ġiet mitluba tiddeċiedi biss dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat filwaqt li fil-proċeduri l-oħra l-imħallfin in kwistjoni kienu taw is-sentenza dwar il-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha protetti taħt l-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Kif spjegat l-istess qorti tal-appell:*

*»... ... din il-Qorti (tkun komposta minn min tkun komposta) sejra tqis u tiddeċiedi biss dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat (għaliex din biss hija t-talba tal-appellanti fir-rikors tagħha) bla ma b'xi mod terġa' tqis jew tistħarreġ il-mertu*

*tal-proċeduri mnedija fl-2015 kontra l-istess appellanti jew dawk imsemmija fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Novembru, 2015. Fi kliem ieħor, f'dan l-istadju ta' din il-kawża din ilQorti mhijiex u ma tistax tagħti fehmiet ħlief fuq l-elementi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat: għaliex jew issib li l-ewwel Qorti ma kinitx imxiet sewwa meta laqgħet l-imsemmija eċċezzjoni u din il-Qorti terġa' tibgħat l-atti quddiem dik il-Qorti biex tibda tqis il-kawża fil-mertu, jew issib li l-ewwel Qorti kienet qieset sewwa u l-kawża tieqaf hemm.«*

*13. F'każijiet bħal dak tal-lum għalhekk, fejn ir-raġuni mogħtija mill-attriċi għaliex l-imħallfin in kwistjoni għandhom / kellhom jastjenu milli jisimgħu l-appell huwa minħabba l-fatt li diġa' ħadu sehem fi proċeduri oħra li huma marbutin mal-proċeduri odjerni, għandha għalhekk issir distinzjoni bejn dawk il-każijiet fejn il-kwistjoni li l-imħallfin in kwistjoni qed jintalbu jiddeċiedu dwaru hija intrinsikament marbuta mal-proċeduri l-oħrajn, b'tali mod li d-deċiżjoni li taw l-istess imħallfin fl-ewwel sett ta' proċeduri tista', direttament jew indirettament, tinfluwenza l-kwistjoni li qed jintalbu jiddeċiedu dwaru fit-tieni sett ta' proċeduri, u dawk il-każijiet fejn id-deċiżjoni li l-imħallfin waslu għaliha fl-ewwel sett ta' proċeduri m'hi ser ikollha l-ebda influwenza, la diretta u lanqas indiretta, fuq it-tieni sett ta' proċeduri. Peress li, kif ingħad aktar 'l fuq, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, dak li ntalbu jiddeċiedu dwaru fl-ewwel sett ta' proċeduri ma jista bl-ebda mod jinfluwenza dak li ntalbu jiddeċiedu dwaru fit-tieni sett ta' proċeduri (dawk quddiem il-Qorti tal-Appell), din il-qorti ma tara l-ebda ksur tad-dritt fondamentali għas-smigħ xieraq tal-attriċi bil-fatt li l-istess imħallfin ddeċidew li ma jilqgħux it-talba tagħha għar-rikuża tagħhom fl-istess proċeduri."*

5. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet u prinċipji ġurisprudenzjali suesposti, li l-Qorti sejra tabbraċċja fl-intier tagħhom u tagħmilhom tagħha, l-unika konklużjoni li sejra tasal għaliha hija li l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti ma jistħoqqilhomx li jiġu milqugħa. Il-fatt li l-leġislatur akkorda s-setgħa lill-ġudikant li jiddeċiedi

huwa stess dwar talba għar-rikuża tiegħu ma jbiddel xejn mir-rwol tiegħu ta' arbirtu u lanqas inaqqas mill-indipendenza u l-imparzjalita' tiegħu. Anzi kif ingħad, ħadd aħjar minnu ma jista' jitqies idoneu biex jiddeċiedi dwar talba għar-rikuża tiegħu.

6. Żgur ukoll li ma jirriżulta ebda ksur tal-prinċipju *nemo iudex in causa propria* kif allegat mir-rikorrenti. Kif intwera, fl-eżami tat-talba għar-rikuża tiegħu, il-ġudikant ma jkunx qiegħed jidħol fil-mertu tal-każ u ma jkunx huwa nnifsu u ma jsir qatt, parti mill-litiġju tal-proċeduri.

7. Di piu', u din hija l-fehma soda ta' din il-Qorti, lanqas id-digriet innifsu tal-Imħallef Zammit McKeon tal-31 t'Ottubru 2016 ma huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Huwa ġustament ċaħad it-talba għar-rikuża tiegħu stante li, kif anke konfermat minn din il-Qorti kif preseduta, huwa ma kienx esprima qabel il-ġudizzju tiegħu fil-kawża Rik 1058/10 iżda f'kawża oħra li, kif ingħad f'punt numru 3 fis-suespost, hija separata u distinta fil-mertu.

8. Ma tressaq ebda lment mir-rikorrenti li l-Imħallef Zammit McKeon wera xi parzjalita' suġġettiva fil-proċeduri Rik 1058/10 u għalhekk mhemmx lok li l-Qorti tidħol f'dan l-aspett fil-kunsiderazzjonijiet tagħha.

9. In vista' tal-fatt li ma nstabx ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, il-lanjanza tar-rikorrenti rigwardanti l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni sejra ukoll tiġi miċħuda. Ukoll, stante li l-bqija tat-talbiet huma konsegwenzjali għal u dipendenti fuq l-ewwel żewġ talbiet, dawn sejrin jiġu miċħuda.

10. Il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat Ġenerali sejrin għalhekk jiġu milqugħa.

11. Għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjonijiet tal-kjamati fil-kawża, jingħad li huma ddaħħlu fil-kawża in vista tal-fatt li setgħu jiġu milquta bl-effetti tar-rimedju

mogħti li kieku nstab ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Pero' huwa l-Istat u mhux iċ-ċittadin li jista' jirrispondi jew jinstab ħati ta' ksur ta' drittijiet fundamentali. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni hija akkoljibbli.

Dwar it-tieni eċċezzjoni tagħhom, in kwantu huma għamlu tagħhom ir-risposta tal-Avukat Ġenerali, il-Qorti sejra tiddisponi minnha bl-istess mod tar-risposta tal-intimat imsemmi.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi –**

**1. Tiċħad mit-tieni sas-seba' eċċezzjoni tal-intimat Avukat Ġenerali iżda tilqa' l-bqija tal-eċċezjonijiet tiegħu;**

**2. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-kjamati in kawża u fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tapplika d-deċiżjoni fir-rigward tal-eċċezzjonijiet tal-Avukat Ġenerali;**

**3. Tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħhom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**

**Dep. Reġ.**